MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2002

Numru 227/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Bond)**

**vs**

**Anthony Abela ta' 58 sena, iben Nazzareno u Carmela nee Vella, mwieled 10.05.40 u joqghod 53, Bishop Scicluna Street, Hal-Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 387340 (M).**

**Illum 27 ta' Settembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi talli fil-4.07.94 u matul is-snin precedenti bhala d-detentur tal-fond 53,

Bishop Scicluna Street, Hal-Qormi, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku cioe tal-meter tad-dawl instalat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum elettriku, jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jew ikkonsmata, ikkommetta serq tal-kurrent elettriku li l-valur tieghu jammonta ghal Lm 209.11 liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi l-impjegati tal-Enemalta kif ukoll l-espert Philip Zammit waslu ghall-konkluzjoni li l-meter fil-fond in kwistjoni kien imbaghbas fis-sens illi kellu zewg sigilli tac-comb tal-cover tal-meter kienu imbaghbsin fis-sens li kienu maghfusin bi pliers ordinarji.  Il-gasket tal-cover tal-meter kien imqatta' fuq il-genb tax-xellug fil-livell tad-disk.  Go l-istess cover kien hemm erba' (4) bicciet perspex.

L-espert ikkonkluda li minn dan il-meter "kien qed isir it-tbaghbis, fis-sens li minn bejn il-cover tal-meter kienu qed jigu mdahhlin bicciet tal-perspex biex b'hekk iwaqqfu d-disk tal-meter milli jdur u b'hekk ma jigix registrat il-konsum tal-elettriku."  (a fol 16).

Wasal ghall-konkluzjoni li l-hsara fuq dan il-meter tammonta ghal Lm 4.

Xehed Silvio Decelis li qal li r-record of consumption tidher inkonsistenti hafna fil-qari fin-number of units li gew mohlija matul il-perjodu 1989 sal-1994. Qal li l-medja li nhadmet kienet wahda minima ta' 8 units kuljum ghax l-istess konsum gieli lahaq 15-il unit per day liema fatt gie anke kkonfermat fuq il-meter il-gdid installat fl-istess fond.

Peter Paul Cutajar, impjegat tal-Enemalta li kien ha parti fl-inspection xehed ukoll dwar il-fatt li s-sigilli tal-meter probabbli kienu nqatghu ghax ma kinux maghfusin bil-pliers tal-Enemalta biex jigi loosened il-cover u b'hekk tista' tidhol il-perspex. Konsegwenza ta' hekk jigi damaged il-gasket "ghax minn fejn tidhol il-perspex jigi damages il-gasket". Qal ukoll li l-meter ma kienx qed jirregistra minhaba li kien mahruq b'overloading, tant li minhabba l-overloading anke t-tails tal-meter kienu mqarqcin.

Xehed l-imputat minn jeddu. Dan qal li hu ma familtu kien ilu joqghod gol-fond imsemmi fl-akkuza ghal disgha u tletin sena. Qal li l-meter in kwsitjoni dejjem baqa' l-istess wiehed u li dan l-istess meter kien inharaq darbtejn. Innega l-akkuzi ta' serq kif dedotti kontra tieghu.

Ikkonsidrat

Illi dak li gie kkonstatat mill-Perit Tekniku mhux in kontestazzjoni. L-Enemanlta qeghda tallega anomalija fil-konsum ta' l-elettriku fis-snin 1994 u qabel. Issa Anthony Abela xehed dwar il-fatt li l-meter kien inharaq darbtejn, pero' ma qalx meta gara dan il-fatt. Peter Paul Cutajar ikkonferma dan il-fatt tal-hruq, ghalhekk in kwantu sa hawn l-akkuzat hu ben korroborat f'dak li qed jghid. Pero' jibqa' l-fatt li kif xehed l-istess Decelis hemm diskrepanza fir-record of consumption u dan jinhtieg ukoll li jigi mwiezen mal-fatt li fl-istess meter instabu erba' bicciet perspex li taghhom l-akkuzat ma ta ebda spjegazzjoni sal-grad tal-probabbli ai termini ta' l-artiklu 264(2) tal-kap 9.

Ghaldaqstant il-Qorti anke tenut kont ta' l-imsemmija prezunzjoni msemmija ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif

dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 261, 262, 263, 264, 267, 278 u 17 tal-Kap 9. Dwar il-piena rat l-art 28A tal-Kap 9 u tikkundannah ghal sena habs sospizi ghal sentejn.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.